ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 62 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 28 ta' Marzu 2013, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Agius |
| | Is-Sur Alan Picco |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Marzu 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Marzu 2013;
5. Gheluq tal-Mandat tas-Sitt Kunsill;



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 61 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**;

Dwar item 3.1 il-MEPA infurmatna li l-appell ta' Villa Mekrech gie pospost ghal data ohra. Ser nigu infurmti meta dan is-smiegh ser issir aktar il-quddiem.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Gejna infurmati mid-Dipartiment li ser issir konferenza dwar il-Maltese Libraries nhar il-Gimgha 16 ta' Mejju 2013 fil-Hotel Cavalieri.

   Infurmawna ukoll bid-dettalji tal-Board of Petition's Registry li tinsab Ghawdex.

   Infurmawna li l-allokazzjoni li ser nircievu fil-jiem li gejjin għalissa ser tkopri ix-xahar ta' April biss, kif konna ġejna infurmati permezz ta' l-ittra tal-4 ta' Jannar 2013.

   Gejna infurmati mid-Dipartiment li fil-ġranet li ġejjin ser qed ikun jiġu kkreati l-imejls tal-Kunsilliera l-ġodda li ġew eletti fid-9 ta' Marzu u jiġu mwaqqfa l-imejls tal-Kunsilliera li ma ġewx eletti. L-imejl tal-Kunsilliera li ma ġewx eletti ser jiġu mwaqqfa b'effett mill-15 t'April.

2. Il-MEPA infurmatna li l-ammont fil-U.I.F. ghall-lokalita huwa ta’ €31,329.78.
   Gejna infurmati li sar permess biex jinbnew garaxxijiet u appartamenti fi Triq Birzebbugia.

3. Ircevejna kwotazzjoni minghand Zammit Nurseries li tammonta ghal €3,604.25 ghat-tisbih tal-Gnien il-Kunsill.

4. Ircevejna minghand id-Direttur ghas-sahha u tal-pjanti biex inbexxu is-sigar tal-palm. Tlabna kwotazzjonijiet.

ĦAL GĦAXAQ

5. l-MCAST baghatu informazzjoni dwar Unpaid Summer Work Placements u l-Kunsill ser japplika bhl ma ghamel is-sena l-ohra.

6. L-AKL infurmatna dwar il-EUPA Youth Training Courses li ser isiru f’dati differenti.

7. Mil-Malta Consumers & Consumers Affairs Authority fejn infurmawna li ser isiru seminars f’diversi dati dwar ‘Ghal Aktar Protezzjoni Tal-Konsumatur’

8. Minghand Transport Malta rigward reserved parking ghas-Sur Joe Spiteri fi Triq Guzeppi Vella.

9. Mill-iskola Primarja ta’ Hal Ghaxaq fejn infurmawna li studenti minn din li skola se jippartecipaw fl’NSTF Science Expo 2013 u talbu sabiex is-Sindku jew rapprezentant jattendi ghac-cerimonja tal-prezentazzjoni. Talbu ukoll biex il-Kunsill jixtri ktieb relatat max-xjenza biex jigi prezentat. Il-Kunsill qabel li jinxtara ktieb.

10. Il-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk se jkun qed jiccelebra Jum Marsaxlokk fit-28 ta’ April 2013, dak in-nhar se jinghata Gieh Marsaxlokk.

    Ghal dan il-ghan il-Kunsill jixtieq iwaqqaf bord ta’ evalwazzjoni tan-nominajiet, ghalhekk gentilmet qed nitlobu sabiex membru minn tal-Kunsill taghkom jinqaghad f’dan il-bord. Napprezzaw li nircievu risposta fil-pozittiv sa nhar it-Tlieta 2 ta’ April 2013.

11. Minghand is-Surmast is-Sur Deo Grech li kiteb f'isem il-membri kollha tal-kommunita' tal-iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq fejn qed iressaq l-ilment għall-fatt li r-rotta tal-Arriva tgħaddi mit-triq ta' quddiem l-iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq fil-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tat-tfal sabiex isir xi haga.

12. L-ufficcju tar-Registru Elettorali infurmana li r-revizjoni tar-Registru Elettorali ser isir f’April 2013.

13. Minghand is-Segretarju tar-Reġjun, qed jitlob biex kwalunkwe Kunsill Lokali li jidhirlu li għandu jressaq 'il quddiem xi ilmenti jew diffikultajiet li qed isib fit-tħaddim tal-L.E.S., jagħmel dan permezz ta' email lir-Reġjun sabiex imbagħad issir laqgħa apposta mal-kuntrattur fil-preżenza tal-uffiċjal Awtorizzat.

    Ircevejna ukoll kopja tar-Rapport Amministrattiv tar-Regjun għas-sena 2012.

ĦAL GĦAXAQ

14. Minghand is-Sur Christopher Pace dwar ir-road markings li ghadhom kif saru.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Marzu 2013, li kienu jammontaw għal €47.59. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€47.59 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Marzu 2013*: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2013 u li jammontaw għal €34,975.00. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Gheluq tal-Mandat tas-Sitt Kunsill

Is-Sur Vassallo qal li din is-Seduta hija tmiem tal-mandat tas-Sitt Kunsill ta' Hal Ghaxaq. Mil-1 ta' April 2013 jibda jiffunzjona l-Kunsill il-gdid li gie elett dan ix-xahar u ghalhekk sakemm issir laqgha tal-Kunsill il-gdid ma jistghux isiru nefqiet mhux statutorji jew li dwarhom ma kienx hemm diga' qbil qabel.

Huwa rringrazzja lill-Kunsillieri li servew fl-ahhar erba snin u lill-istaff tal-koperazzjoni li sab minghandhom u awgura lill dawk godda li se jservu ghas-Sebgha legislature.

## 6. Aġġornament

Is-Sindku fl-5:00 p.m. aġġorna s-Seduta filwaqt li s-Segretarju talbet biex il-Kunsill jistenna sakemm hi thejji l-Minuti ta' din is-Seduta biex ikunu konfermati.

Sadanittant is-Sur Vassallo ikkunsinna lis-Segretarju zewg insinji, il-badge tas-Sindku u c-cwievet li jappartjenu l-Ufficcju Amministrattiv.

ĦAL GĦAXAQ

**7. <u>Konferma tal-Minuti</u>**

Is-Segretarju qrat il-Minuti tas-Seduta Nru. 62 u l-membri prezenti ikkonfermawhom korretti.

| | |
|---|---|
| Emanuel Vassallo | Therese Xuereb |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |